**23 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., K.M. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppa Debono

*versus*

Philip Camilleri et.

**Danni — Ħtija Kontributorja — Traffiku — "Sudden Emergency".**

*Tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' nċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jiġifieri:— Hu obligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi, bħal ma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti oħra kontinġenti; u hu anki dmir ta' driver li jżomm dik li komunement tissejjaħ "a reasonable careful look-out", liema dmir iġib miegħu li d-driver jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli.*

*Jekk id-driver jonqos milli josserva dawn iż-żewġ regoli ta' prudenza u jiġi f'kollizjoni ma' vettura oħra, huwa jkun ħati ta' neglienza kontributorja, jekk il-vettura l-oħra wkoll kienet negliġenti; u ma jistgħax jinvoka l-eżoneru tas-"sudden emergency"; għax huwa kien f'negliġenza anteċedenti, u din tkun li ġiebet l-istat tal-emerġenza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi f'Mosta Road, ir-Rabat, fid-29 ta' Diċembru 1960, għal xi s-6 p.m., waqt li l-Konvenut Philip Camilleri kien qiegħed isuq char-a-banc numru 2472 b'manjiera traskurata, b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni, ħabat ma' żiemel (sic) bil-karrettun li kien qiegħed iġorr pjanu fuqu, misjuq mill-konvenut l-ieħor Joseph Zahra, liema karrettun u pjanu huma proprijetà tagħha u

kkaġuna ħsarat konsiderevoli fihom; titlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti, jew min minnhom, (1) jiġu dikjarati responsabbli tal-ħsarat li hi sofriet fil-karrettun u l-pjanu tagħha, liema danni għandhom jiġu likwidati per mezz ta' periti nominandi; (2) u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu l-ammont tad-danni hekk likwidat. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1961, li biha ddeċidiet billi (1) iddikjarat li l-konvenuti huma t-tnejn responsabbli, u fi grad ugwali, għad-danni sofferti mill-attriċi in segwitu għall-inċident indikat fl-att taċċitazzjoni, u llikwidat dawn id-danni fis-somma msemmija ta' £41. 8. 7d; kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi, appena din tikkonsenjalhom il-pjanu fuq imsemmi, is-somma ta' £41. 8. 7d, kif ġiet likwidata bl-interessi legali mil-lum. L-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti nofs kull wieħed. Dik il-Qorti kkunsidrat;

......Billi jirriżulta mill-provi li fid-29 ta' Diċembru 1960, f'xi s-6 p.m., meta kien dalam sewwa u kienet nieżla x-xita, il-konvenut Zahra kien nieżel minn Mosta Road, limiti tar-Rabat, b'karrettun miġbud minn ħmar, li fuqu kellu mgħobbi pjanu tal-idejn, proprijetà tal-attriċi, li din kienet qabbditu jittrasportalha mill-Imtarfa għall-Mosta. Anki l-karrettun kien proprijetà tal-attriċi. Il-konvenut Zahra ma kienx riekeb fuq il-karrettun, imma kien miexi jikkonduċi l-ħmar, kważi għan-nofs tat-trieq. Il-pjanu kien mgħotti b'inċirata bajda, u miegħu kellu mwaħħal fil-għoli, fuq quddiem, fanal bil-batterija, li però ma kienx jitfa' dawl in-naħa ta' wara. F'ċertu ħin, meta wasal xi 150 jew 200 pied l-isfel minn fejn it-triq tagħti għad-dritt il-konvenut Zahra nduna, billi sama' jindaqq horn, li kien ġej minn warajh char-a-banc u allura hu ħareġ f'nofs it-triq u għamel sinjal b'idejh lid-driver ta' dik il-vettura biex tieqaf, għaliex għaraf li fil-pożizzjoni fejn kien il-ħmar il-

vettura ma kellhiex mnejn tgħaddi, la l-barra minnu u wisq anqas il-ġewwa minnu; u meta osserva li, għalkemm kien għamillu dak is-sinjal, id-driver tal-karozza, li kien il-konvenut Camilleri, ma waqqafx, huwa beda jimbotta l-ħmar lejn is-side tiegħu. *Meta ra l-karrettun f'nofs it-trieq* quddiemu, f'distanza ta' xi 40 pied jew 50 pied, il-konvenut Camilleri ma waqqafx il-karrozza; minflok, għall-ewwel ġibed lejn il-lemin, biex jara kienx possibbili jgħaddi minn fuq barra; iżda meta resaq aktar viċin, u kkonstata li dik il-manuvra ma kienetx possibbli, żamm il-brakes. Aktarx li l-karrozza *kiddjat minħabba l-kondizzjoni* mxarrba u għan-niżla tat-trieq, u nvestiet lill-karrettun, billi laqtitu fuq wara fuq ir-rota tal-lemin bil-bumper ta' quddiem xi pied il-ġewwa mill-ġenb tax-xellug. Bid-daqqa l-karrettun inkisrulu ż-żewġ lasti, u l-pjanu rriporta xi ħsarat fil-mekkanismu ntern tiegħu liema ħsara fil-pjanu tidher irriparabbli;

Illi ż-żewġ konvenuti jiċħdu kull responsabbiltà għall-inċident, u kull wieħed minnhom jattribwixxi l-ħtija għal dak li ġara wieħed lill-ieħor. Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li r-responsabbiltà għall-kolliżjoni hija kollha tal-konvenut Zahra, billi wera negliġenza, traskuraġni u ndifferenza ferm kbira għall-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, meta fid-dlam, fi trieq deżerta, u waqt mal-temp u xita, mexxa f'nofs it-trieq karrettun miġbud minn ħmar, mingħajr dawl fuq wara, u bla ma kellu f'idejh il-kontroll regolari tal-ħmar u tal-karrettun li kien jikkonduċi. Il-perit eżonera mir-responsabbiltà lill-konvenut Camilleri, billi ssottometta li dan ma setgħax jara l-karrettun, peress li dan ma kellux dawl fuq wara, *qabel ma l-*istess daħal fir-raġġ tad-dawl tal-karrozza, ċjoè rah biss f'distanza ta' xi 40 jew 50 pied il-bogħod quddiem; li dan il-konvenut kien attent iżomm "a proper look out", u r-reazzjoni tiegħu, appena ra l-karrettun quddiemu kienet ta' driver għaqli u prudenti: kien isuq il-karrozza bi speed regolari: ma setgħax jara l-karrettun, ma bbreikjax mill-ewwel iżda ta pre-avviż solitu lill-konvenut Zahra tal-preżenza tiegħu fil-"flashing" tad-dwal u d-daqq tal-horn;

Illi din il-Qorti ma taqbelx għal kollox ma' din il-konklużjoni tal-perit legali, ċjoè li responsabbli għall-inċident

*huwa unikament il-konvenut Zahra, u hija tal-fehma li* dan il-konvenut kien negliġenti, għar-raġunijiet kif sottomessi mill-perit, imma li l-konvenut Camilleri kien ukoll negliġenti u kkontribwixxa wkoll għall-kolliżjoni. Il-perit legali rrelata li l-konvenut Camilleri ppre-avviża bil-preżenza tiegħu lill-konvenut Zahra bil-"flashing" tad-dawl u d-daqq tal-horn. Minbarra mill-konvenut Camilleri, ħadd ma jsemmi li hu fflaxxja xi dawl tal-karrozza qabel il-ħabta; in kwantu għad-daqq tal-horn, il-konvenut Zahra biss jgħid li nduna li kienet ġejja l-karrozza għaliex sama' daqq ta' horn, *imma l-istess konvenut Camilleri jeskludi li* daqq il-horn; u x-xhud Paul Muscat jgħid li ma semgħax lil sieħbu, il-konvenut Camilleri, idoqq il-horn. Kwindi, il-pre-avviż imsemmi mill-perit ma jirriżultax, almenu b'mod soddisfaċenti. Kien, għall-kuntrarju, il-konvenut Zahra, kif ser jingħad li ta pre-avviż tal-preżenza tiegħu lill-konvenut Camilleri appena nduna li kienet riesqa l-karrozza, billi mar f'nofs it-trieq ixejjirlu b'idejh ħalli jieqaf . . . . . ;

*Omissis;*

Kwindi l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Camilleri u l-konvenut Zahra kienu kontemporaneament u attivament, u fl-istess grad, fi ħtija għall-kolliżjoni l-fuq imsemmija;

Illi l-perit legali llikwida l-valur tal-pjanu . . . . . b'kollox hu llikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' £41. 8. 7d. Il-Qorti taqbel ma' din il-likwidazzjoni magħmula *mill-perit legali. Għalhekk il-konvenuti għandhom iħal-*lsu lill-attriċi din is-somma; però l-attriċi għandha tikkonsenja l-pjanu fl-istat li huwa lill-istess konvenuti biex tkun tista' tieħu s-somma msemmija ta' £35. 8. 7d;

Rat fol. 57 in-nota tal-appell tal-konvenut Philip Camilleri, u fol. 58 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi din l-Qorti tirrevokaha filli rriteniet li huwa responsabbli f'parti, ossija fi grad ugwali għall-konvenut l-ieħor. tad-danni sofferti mill-attriċi, u in kwantu kkundannat lilu (l-appellant) iħallas id-danni tal-attriċi u nofs l-ispejjeż, u minflok tiddeċidi illi l-

konvenut Zahra kien l-uniku responsabbli għal dawk id-danni, u mhux li kienu responsabbli ż-żewġ konvenuti; u billi konsegwentement tiħċad it-talbiet tal-attriċi in kwantu diretti kontra tiegħu (l-appellant). Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tirrileva, qabel xejn, illi, peress li l-appellat Zahra akkweta ruħu għas-sentenza "de qua", għalhekk ma jistgħax ikollha aktar importanza l-mankanza ta' kawżali fiċ-ċitazzjoni in kwantu diretta kontra dan il-konvenut. u l-kwistjoni f'din is-sede hi ormaj biss dik jekk l-appellant Camilleri għandux ikun ritenut responsabbli flimkien mal-konvenut Zahra fi grad ugwali. għad-danni sofferti mill-attriċi, jew ma hux responsabbli affattu;

Ikkunsidrat;

*Tnejn huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji, ġe*neralment akkolti fid-dottrina u fil-ġurisprudenza. estera u lokali. in materja ta' nċidenti tat-traffiku stradali, li għandhom jirregolaw din il-vertenza:—

1. Hu obligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi, bħal ma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti oħra kontinġenti;

2. Hu anki dmir ta' driver li jżomm dik li komunement tissejjaħ "a reasonably careful look-out", liema dmir, kif ġie perspikaċement osservat fit-testi in materja. iġib miegħu wkoll dak li d-driver jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli;

Ara. fost oħrajn. Jannitti Piromallo, Commento alle Leggi sulla Tutela delle Strade e della Circolazione. p. 323 et seq.: Terrell's Law of Running Down Cases. p. 2: Andrew Dewar Gibb Trial of Motor Car Accident Cases para. 47;

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-appellant għandu jiġi ritenut responsabbli ta' negliġenza kontributorja, in kwantu li naqas li josserva dawn iż-żewġ regoli ta' prudenza;

Iċ-ċirkustanzi tal-maltemp u x-xita qawwija, tat-trieq mhux imdawwla, u tal-art tiżloq, li donnhom qegħdin jiġu nvokati favur l-appellant, kienu inveċe appuntu dawk il-kondizzjonijiet stradali kontinġenti li l-appellant, li kien qed isuq vejikolu ta' kobor u ta' piż, kellu jieħu serjament in konsiderazzjoni biex isuq b'dik il-kawtela li teħtieġ biex wieħed jevita ħsara lill-persuni u lill-proprijetà. Dik il-kawtela hi anki meħtieġa biex jiġu evitati l-konsegwenzi tan-negliġenza ta' ħadd ieħor. "Even if another road user is negligent" — josserva Terrell, loc. cit. — "the driver must exercise due care in trying to avoid the consequences of that negligence";

L-appellant qal li qabel il-ħabta hu ma jidhirlux li ra lil Zahra f'nofs it-trieq ixejjer idejh (fol. 32); intant ix-xhud Piju Muscat, li kien riekeb fuq ix-char-a-banc fil-linja tad-driver, ċjoè tal-appellant, ra lil Zahra jxejjer idejh (fol. 25). Ix-xhud Pawlu Muscat, li wkoll kien riekeb fix-char-a-banc, induna li l-ħaġa bajda kienet karrettun, għaliex ra anki biċċa mir-roti (fol. 29), iżda l-appellant ma ndunax li kien karrettun (fol. 32). Intant, l-appellant baqa' jsuq, u spera li bil-"flashing" tad-dawl it-trieq tkun libera, mentri kien minn dak il-mument, ġa ladarba hu ma kienx jaf x'kien hemm fin-nofs, li kien imissu jieħu azzjoni evażiva billi jżomm. Hu veru li hi ħaġa perikoluża li wieħed japplika l-brakes bruskament meta l-art tkun tiżloq, imma kieku l-appellant ħaseb biex iżomm mill-ewwel, ma kienx ikollu bżonn japplika l-brakes f'daqqa, imma kien ikollu l-opportunità li japplikahom bil-mod, billi jagħfashom ftit u jitlaqhom ftit. L-appellant stess qal li ra dik il-ħaġa bajda xi 30 jew 40 pied quddiemu; issa anki kieku wieħed ikun qed isuq bl-għoxrin mil fis-siegħa, li "stopping distance" anki fuq trieq asfaltata mxarrba (ara Tavola pubblikata minn Ferrodo Ltd. fl-1940), hi anqas minn tletin pied (xi 27 pied); u kienet tkun anqas għall-appellant. li kien qed isuq fuq "engine brakes" u bi speed ta' minn għaxra sa ħmistax il-mil fis-sigħa. L-appellant ħa r-riskju

li għall-mument ikompli għaddej u fflaxxja d-dawl biss, *mentri kien imissu ħa passi biex iżomm* mill-ewwel;

Jgħid, a propożitu, il-Gibb, loc. cit., para. 15:— "Weather conditions must of necessity affect the degree of care to be exercised. Darkness, heavy fog, or other atmospheric conditions, are obstructions to the view and have a bearing on the reasonableness of the speed ..... If the motorist is unable to see ahead of him, he ought to stop his car";

*Anki jekk* l-*appellant*, minbarra li fflxxja d-dawl, daqq il-horn (hu jgħid li ma daqqux, fol. 31, għad li Zahra jgħid li sama' l-horn, fol. 35), l-istess tibqa' l-pożizzjoni; għaliex kien imissu jieħu passi biex iżomm, ġa ladarba ma kienx jaf x'kellu quddiemu;

L-appellant qiegħed jinvoka l-eżoneru tas-"sudden emergency", jew "inevitable accident"; imma dan ma jiswielux ladarba kien hemm in-negliġenza tiegħu antecedenti (ara Kollez. Vol. XXVI-I-313, b'ċitazzjoni tal-Chironi, Colpa Extra Contrattuale, Lib. II, nru. 542 bis., u l-Gibb loc. cit., parag. 51, li jgħid opportunament li f'każ simili tkun in-negliġenza li ġiebet l-istat tal-emerġenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, u dawk tal-Ewwel Qorti, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż tal-prima istanza kif ġa regolati, u l-dawk ta' din l-istanza nteramant kontra l-appellant.